Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14– It-Tnejn 8 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill iltaqa' online nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju fis-14:00pm u t-trasmizzjoni ma gietx transmessa online għall-pubbliku minħabba ċċirkustanzi preżenti u l-pandemija tal-COVID-19.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

14.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**14.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoliġiji x'jinqraw.

**14.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

14.4.1 Is-Sindku ħabbar li bħala bilanċ tad-Development Planning Funds huwa dak €438,000 li huwa ammont sostanzjali sabiex jintefaq fi proġetti kapitali ta' tisbieħ.

14.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa, ġiet ikkuntatjata l-Avukat Claire Bonello biex tidher għalina fl-oġġezzjoni tal-applikazzjoni tal-impjant fi Triq il-Qala. Huwa spjega kif sadanitant ir-residenti ta' Triq il-Provigarju, minn naħa tagħhom qabdu lill-Avukat Joshua Grech biex jipproteġihom rigward il-valur tal-proprjeta tagħhom. Is-Sindku spjega kif wara diversi kuntatti kontinwi li qed ikellu ma' dawn ir-residenti, qed iħoss li mhumiex konvinti li aħna nqabbdu lil din l-avukata. Għalhekk is-Sindku propona li sabiex nevitaw it-tħassib ta' xi uħud li ma aħniex nagħmlu biżżejjed, għandna nqabbdu magħha lill-Avukat Joshua Grech. Huwa spjega kif il-pass li jmiss huwa li nitolbu wkoll sabiex ikollna dritt tal-vot fil-board tad-deċiżżjoni. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar liema għazla għandna nipproċedu fuqha bħala avukati. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw mar-residenti u naraw iridux lil Dr Joshua Grech biss jew it-tnejn flimkien ma' Dr Claire Bonello u nipproċedu minn hemm.

14.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-dlam kbir li hemm fil-pjazza faċċata tal-Kazin tal-Football. Huwa spjega kif iltaqa' ma proposta li tinkludi f'arblu li jinfetaħ b'sitt fanali. Huwa propona li għandna neliminaw il- fanal tal-Enemalta li hemm quddiem il-Każin b'wieħed minn dawn li żgur ser idawwal ħafna aktar l-*area*. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru tlett *quotations* għal fanal simili.

14.4.4 Is-Sindku rrefera għal-kisi bil-konkrit ta' parti minn Triq ix-Xatt l-Aħmar u esprima s-sodisfazzjon tiegħu u ta' bosta għal dan ix-xogħol tajjeb li sar. Huwa għamel referenza wkoll għal xi vandaliżmu li sar fix-Xatt l-Aħmar li jidher li qed isir minn xi individwi biex juru r-rabja tagħhom għax il-blat li waqa' bil-maltemp għadu ma ċċaqlaqx min hemm. Huwa spjega kif ninsabu għaddejjin bi pressjoni kbira sabiex isir ix-xogħol, pero l-ERA qed turina l-priorita' tagħhom hija l-ġebel u mhux l-aċċess għan-nies u għalhekk jidher li l-affarijiet ser jieħdu fit-tul. Il-Kunsillier Stephen Mercieca hawnhekk irrimarka li huwa wkoll niżel ix-Xatt l-Aħmar u sema' ħafna kliem ta' tifħir għall-ħidma tal-Kunsill iżda li n-nies li jużaw il-post jinsabu nkwetati biss li l-aċċess mhux miftuħ. Huwa saħaq li nkomplu nimxu mal-liġi u nkomplu nippressaw l-ERA għall-permessi meħtiega kemm jista jkun malajr. Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar jekk nistgħux nagħmlu xibka tal-wire biex iżommu l-blat milli jaqa' fuq in-nies. Is-Sindku rrispondih li mhix soluzzjoni għax il-blat huwa kbir u x-xibka ma tkunx biżżejjed biex iżżommu milli jaqa'.

14.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li l-Latrini Pubbliċi reġgħu nfetħu lura għan-normal u l-*playingfields* mistennija li jinfetħu għall-pubbliku fil-ġimgħat li ġejjin.

### 14.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.5.1 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ilmenti li daħlulu għal fatt li qed jiġu sidien tar-restoranti jarmu bil-lejl l-flixken fil-kontenuri tal-ħġieġ li hemm ħdejn l-uffiċju tal-Kunsill u qed jagħmlu ħafna storbju. Is-Sindku rrefera għal fatt li dan is-sit inbidel f'dumping site. Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna nnehhuhom peress li jigu abbuzati. Id-diskussjonijiet tkompliet u sar li ghalissa nagħmlu *camera* u tabella li tindika li hemm is-CCTV u li l-Bins jistgħu jintużaw biss bejn is-7:00am u d-9:00pm.

14.5.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex id-dog bin tal- *playingfield* jigi *shifted* kemm kemm. Sar qbil ma' dan.

14.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għal htiega ta' *culvert quddiem l-Arka.* It-talba kienet saret lis-CMU. Sar qbil li ghandna nergghu nressqu din it-talba.

14.5.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal meta ser titneħħa s-sleeping police ta' Triq J F de Chambray. Is-Sindku rrisponda li għandha ssir fil-jiem li ġejjin.

14.5.5 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal bin li hemm ħdejn il-Frame qed ikun maħmug ħafna u l-Frame baqa' ma saritlux il-manutenzjoni meħtiega. Rigward il-manutenzjoni s-Sindku rrisponda illi kellem kemm lil Rudolph Cauchi u lil Edwin Ciantar iżda għadna nistennewhom jagħmlu l-intervent meħtieġ.

14.5.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal fatt ukoll li l-bins ħdejn iċ-ċimiterju ukoll qed ikunu mimlija.

14.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal fatt li l-Wied tal-Gudja jinsab maħmuġ ħafna. Is-Sindku kkonferma li dan tnaddaf dalgħodu mill-ħaddiema tagħna stess. Irrefera wkoll għal fatt li xi jumejn ilu sar it-tindif taħt il-Belvedere ta' Sant'Eliju u reġgħa sar miżbla.

14.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa laqgħa għall-pubbliku għar-residenti żona b'żona sar qbil dwar dan u għandna ssir wara li jissetiljaw l-affarijiet konnessi mal-coronavirus.

### 14.6 Approvazzjoni tal-Financial Statements

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Financial Statements għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Hija bi pjaċir ħabbret li l-bilanc finanzjarju għas-sena 2019 huwa dak ta' € 134,668. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan il-bilanċ u l-Financial Statements ġew approvati.

### 14.7 Materji oħra

14.7.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 14.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.8.1 Il-laqgha intemmet fit-3:00pm u ma ġietx iffisata data għal-laqgħa li jmiss.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**